MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Citazzjoni Numru. 972/2002

**Fl-atti tar-Rikors Nru: 756/99 JA.**

**Domestica Limited.**

**-vs-**

**Charles Grech.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ipprezentat fit-30 ta' Marzu, 1999 li permezz tieghu s-socjeta' attrici esponiet bir-rispett;

Illi b'sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Mejju 1985 fil-kawza fl-ismijiet Leonard Vassallo Cesareo ghan-nom u in rappresentanza tas-socjeta' Domestica Limited versus Carmelo Grech (Dok A) is-socjeta' rikorrenti giet kanonizzata kreditrici ta' l-intimat (a) fis-somma ta' Lm713.06,8) sorte (bilanc ta' somma akbar

import ta’ hsax il-kambjala ta’ Lm70.89 il-wahda); (b) fl-imghax legali mid-data ta’ l-iskadenza ta’ kull kambjala sad-data ta’ l-effettiv pagament

u (c) fis-somma ta’ Lm92.93,2 rappresentanti l-ispejjez ta’ l-imsemmija kawza (Dok B).

Illi sa llum l-intimat ghadu ma hallas xejn minn dan id-dejn.

Illi ghaddew aktar minn hames snin mid-data meta s-socjeta’ esponenti setghet tesegwixxi l-imsemmija sentenza.

Ghaldaqstant is-socjeta’ esponenti titlob bir-rispett kollu illi din l-Onorabbli Qorti joghgbobha tawtorizzaha tesegwixxi fl-intier taghha l-imsemmija sentenza moghtija fis-6 ta’ Mejju 1985 sabiex b’hekk tissodisfa l-kreditu taghha fuq indikat.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta’ Charles Grech bhala konvenut fl-Atti tal-kawza ritrattata li permezz taghhom eccepixxa bir-rispett;

1. Illi fl-ewwel lok it-talbiet attrici huma preskritti;

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ghamara konsenjata ma kienitx tal-kwalita’ patwita u dan kien jimpingi serjament fuq l-essenza ta’ l-istess ghamara u specjalment minhabba l-fatt ukoll li llum id-difett serju li fihom ma jistghax jitranga wara ghoxrin sena.

3. Salv eccezzjonijiet ohra skond il-kaz.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Semghet ix-xhieda imressqa mill-attur u rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ Dicembru, 2004 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-seduta ta’ llum.

Ikkunsidrat.

Illi t-talba rikorrenti illi jigu awtorizzati li jesegwixxu s-sentenza ta' din il-Qorti illi inghatat fl-1985.

Din il-kawza kienet gia' giet deciza izda l-intimat kien talab ir-ritrattazjoni tar-rikors liema talba kienet giet akkolta. Huwa gie awtorizzat jippresenta risposta u fil-fatt ippresenta nota tal-eccezzjonijiet.

Il-konvenut qed jeccepixxi l-preskrizzjoni u li l-oggetti mibjugha u li kienu l-mertu tal-kawza inizjali ma kienux tal-kwalita' patwita.

Jidher car li dawn l-eccezzjonijiet ma jistghux ikunu sostnuti f'dawn il-proceduri. L-intimat hu prekluz milli jitlob smigh mill-gdid tal-kawza li giet deciza fl-1985 ghaliex ma tistax tintalab ritrattazzjoni wara hames snin mid-data tas-sentenza. Ghalhekk l-uniku difiza li seta' jippropini f'din il-kawza hija dik tal-hlas. Certament m'hijiex applikabbli l-preskrizzjoni ghaliex sentenza li ghaddiet in gudikat ma tista' qatt tkun preskritta – jista' biss jghaddi l-perjodu li fiha tista' tigi esegwita, u allura jkollha ssir il-procedura odjerna. Lanqas ma jista' l-intimat jeccepixxi xi haga li tolqot il-mertu tal-ewwel kawza ghaliex appuntu dik tkun ghaddiet in gudikat u ma jistax ikun li l-proceduri ma jintemmu qatt.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut u tawtorizza lis-socjeta' rikorrenti tesegwixxi s-sentenza moghtija minn din il-Qorti fis-6 ta' Mejju, 1985 fl-ismijiet imsemmija.**

**L-ispejjes jithallsu mill-intimat.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------